# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.13-4.14

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.13/14: Nersqu lejn xulxin bit-talb**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jisimgħu l-istorja dwar meta l-anġli dehru lil San Ġużepp.
2. Jifhmu li l-anġlu kustodju qiegħed magħna biex jipproteġina.
3. Jitgħallmu t-talba tal-anġlu.
4. Jifhmu l-mod ta' kif it-talb jgħinna nersqu lejn xulxin.
5. Jagħrfu dawk il-persuni li huma ta' għajnuna għalihom.
6. Jiftakru f'dawk il-persuni li tajjeb nitolbu għalihom għax kienu ta' għajnuna matul is-sena.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- L-istorja ta' meta l-anġlu deher lil Ġużeppi.
- Kraft: tazzi ta' styrofoam, karti kkuluriti, markers, straws.
- Il-karta ta' taħriġ 4.8.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi stampa ta' Ġużeppi u l-anġlu. Staqsi lit-tfal x'jaħsbu li qed jgħidlu l-anġlu lil Ġużeppi.
- Spjega li darba, waqt li Ġużeppi kien rieqed ħolom li deherlu anġlu u qallu li Marija, il-mara tiegħu kien ser ikollha tarbija u kienu ser isemmuh Ġesù . Però kien hemm bżonn li Ġużeppi jieħu lil Marija f'post ieħor għax Erodi ried joqtol lit-trabi subien kollha.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Kompli l-lezzjoni billi tispjega li l-anġlu kien mibgħut minn Alla sabiex jgħin lil Ġużeppi u lil Marija biex isalvaw lit-tarbija tagħhom.
2. Staqsi: X'seta' jiġri kieku Ġużeppi ma obdiex mill-messaġġ li Alla bagħtlu permezz tal-anġlu?
3. Staqsi lit-tfal jekk huma qattx raw xi anġli (le). Allura kif ħa nkunu nafu x'messaġġi qed jibgħatilna Alla? Ara biex joħroġu t-tfal.
4. Spjega li hemm żewġ modi:

   (1) Għandna l-anġlu kustodju tagħna tas-sema – dak li jieħu ħsiebna – dak li jwasslilna l-messaġġi tal-Mulej. Għandna talba speċjali għalih. L-ewwel għid it-talba int u mbagħad it-tfal jirrepetu. Agħmel dan permezz li tuża l-ppt.

   Talba tal-Anġlu Kustodju.

   *Anġlu t'Alla, li fit-tjubija tiegħu, Alla tani biex tħarisni, dawwalli moħħi, ħarisni, żommni u mexxini f'dan il-jum. Ammen.*

   (2) Għandna l-anġli tagħna tad-dinja li huma n-nies li aħna mdawrin bihom. Staqsi lit-tfal min jistgħu jkunu l-anġli tagħna (il-ġenituri, l-għalliema, il-katekisti, il-ħbieb, iz-zijiet, in-nanniet, il-qassisin).
5. Fuq il-bord agħmel web bil-kliem 'L-anġli tagħna' u ikteb il-kliem li jgħidulek it-tfal.

6. Staqsi: Għaliex dawn huma l-anġli tagħna? (Għax iħobbuna u jixtiqulna l-ġid – għalhekk għandna nobduhom u nitolbu għalihom).

7. Staqsi: Għaliex għandna nitolbu għal dawn in-nies? (Biex Alla jieħu ħsiebhom ħalli jkomplu jwasslu lilna l-messaġġ tiegħu u b'hekk inkunu qed nersqu aktar lejn xulxin).

8. Qassam tazza, straw u karti (f'forma ta' petali) lit-tfal.

9. Spjega li ser jagħmlu fjura ġo pot. Fin-nofs ser jiktbu ***L-anġli tagħna*** u fuq kull petala ser jiktbu min jaħsbu li huma l-anġli tagħhom (skont il-fehma tagħhom – jinkludu l-Anġlu Kustodju). Wara jwaħħlu l-fjura ġot-tazza.

10. Fuq it-tazza, b'marker jiktbu 'Grazzi Mulej'. B'dan il-mod ikunu qed jiftakru fil-persuni li kienu u għadhom ta' għajnuna għalihom.

11. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.8 u ddiskuti Attività 1 u għin lit-tfal iniżżlu r-risposta t-tajba.

12. Spjega Attività 2 u wara flimkien imlew it-talba tal-Anġlu Kustodju.

13. Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara fejn għandek tfakkar fir-rigal li għandna tal-Anġlu Kustodju

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Meta nitolbu għal xulxin inkunu qed nersqu aktar qrib xulxin.
2. Meta noffru t-talb tagħna lil Alla, irridu nżommu f'moħħna għal min ikunu qed nitolbu.
3. Aħna mdawrin b'ħafna nies li jixtiqulna l-ġid. Dawn qishom l-anġli tagħna li qed iwasslulna l-messaġġ ta' Alla.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

1. It-tfal juru apprezzament għal dawk il-persuni li jgħinuhom u huma ta' servizz għalihom.
2. It-tfal juru u jesprimu ruħhom li jemmnu li Ġesù kapaċi jagħtihom dak li hu ta' ġid għalihom.

**Nitolbu**

Grazzi Mulej Alla tagħna għall-Anġlu Kustodju u għal dawk in-nies kollha li jieħdu ħsiebna u jgħallmuna nħobbu lilek u lil xulxin. Agħmel li permezz tat-talb tagħna nersqu dejjem eqreb lejn xulxin u lejk.

Grazzi Mulej

